

### Aggravji u argumenti prinċipali

Il-Qorti Ġenerali wettqet distorsjoni u evalwazzjoni ħażina tal-provi ppreżentati mill-appellanti meta ddeċidiet li ma hemmx rabta kawżali bejn l-adozzjoni illegali tad-Deċiżjoni 2013/226<sup>(1)</sup> u d-danni subiti mill-appellanti. (Sentenza appellata, punti 155 sa 197, u b'mod partikolari l-punt 187 sa 189).

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 li jirrifjuta l-Proposta għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilenterefat li joriġina mill-Indja, it-Tajwan u t-Tajlandja wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, u li jtemm il-proċediment tar-reviżjoni ta' skadenza fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċertu polietilenterefat li joriġina mill-Indoneżja u l-Malasja, minħabba li l-proposta timponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilenterefat li joriġina mill-Indja, it-Tajwan u t-Tajlandja (ĠU 2013, L 136, p. 12).

---

### Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal de grande instance de Bobigny (Franza) fid-19 ta' Ġunju 2017 – Caisse de retraite du personnel navigant professionnel de l'aéronautique civile (CRPNPAC) vs Vueling Airlines S.A.

(Kawża C-370/17)

(2017/C 283/34)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Qorti tar-rinviju

Tribunal de grande instance de Bobigny

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Caisse de retraite du personnel navigant professionnel de l'aéronautique civile (CRPNPAC)

Konvenuta: Vueling Airlines S.A.

### Domanda preliminari

L-effett marbut maċ-ċertifikat E 101 maħruġ, konformement mal-Artikoli 11(1) u 12a(1a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72, tal-21 ta' Marzu 1972, li jstipula l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għal persuni impjegati u l-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità<sup>(1)</sup>, mill-istituzzjoni maħtura mill-awtorità tal-Istat Membru li l-leġiżlazzjoni ta' sigurtà soċjali tiegħu tibqa' applikabbli għas-sitwazzjoni tal-impjegat, għandu jinżamm minkejja li ċ-ċertifikat E 101 ikun inkiseb bħala riżultat ta' frodi jew ta' abbuż ta' dritt, ikkonstatat b'mod definittiv minn qorti tal-Istat Membru fejn l-impjegat jeżerċita jew għandu jeżerċita l-attività tiegħu?

Fil-każ fejn ir-risposta għal din id-domanda tkun pożittiva, il-ħruġ ta' ċertifikati E 101 jipprekludi li persuni li jkunu vittmi tad-dannu li jkunu sostnew minħabba l-aġir tal-persuna li timpjega, li hija l-awtriċi tal-frodi, jiksbu kumpens għalih, mingħajr ma s-sħubija tal-impjegati għas-sistemi indikati miċ-ċertifikat E 101 tiġi kkontestata permezz tal-azzjoni għad-danni eżerċitata kontra l-persuna li timpjega?

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 83.

---

### Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supreme Court (l-Irlanda) fit-22 ta' Ġunju 2017 – The Minister for Justice and Equality Ireland and the Attorney General vs Arkadiusz Piotr Lipinski

(Kawża C-376/17)

(2017/C 283/35)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Qorti tar-rinviju

Supreme Court